# POLITIKA NAZZJONALI DWAR IL-HOMEWORK 2026

Nimxu 'l Quddiem għal Trasformazzjoni Edukattiva f'Malta

## Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudenti, Insaħħu r-Rwol tal-Edukaturi, u Ninvolvu lill-Familji


GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

edukazzjoni

NATIONAL EDUCATION STRATEGY 2024 - 2030



*Nimxu 'l Quddiem fit-Trasformazzjoni Edukattiva ta' Malta*

***Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudenti, Insaħħu r-Rwol tal-Edukaturi, u Ninvolvu lill-Familji***

# WERREJ


1 KELMTEJN QABEL MILL-ONOR. MINISTRU DR. CLIFTON GRIMA
2 KELMTEJN QABEL MIS-SEGRETARJU PERMANENTI S-SUR MATTHEW VELLA
3 KELMTEJN QABEL MID-DIRETTUR ĠENERALI – DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, IT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U L-IMPJEGABBILTÀ
5 LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET
7 SOMMARJU EŻEKUTTIV
9 VIŻJONI
10 MISSJONI
11 SFOND, GĦANIJIET U OBJETTIVI
15 NIDDEFINIXXU L-HOMEWORK GĦAT-TAGĦLIM, L-EKWITÀ U L-BENESSERI
17 VIŻJONI NAZZJONALI EDUKATTIVA
19 APPROĊĊI TA' POLITIKI EWROPEJ U INTERNAZZJONALI RIGWARD IL-HOMEWORK
21 KONSULTAZZJONI
23 PILASTRI STRATEĠIĊI
24 INTRODUZZJONI
25 QAFAS GĦAT-TFASSIL TAL-HOMEWORK
29 **PILASTRU 1:** Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent – L-Istudent fi Rwol Attiv
31 **MIŻURA 1.1:** Insaħħu s-sens ta' indipendenza, ir-responsabbiltà, u l-immaniġġjar awtonomu fl-istudent

33 **MIŻURA 1.2:** Niżguraw li l-homework jipprovdi esperjenza ta' tagħlim sinifikanti, varjata u adegwata għall-iżvilupp
35 **MIŻURA 1.3:** Nipproteġu l-benesseri tal-istudent, il-bilanċ u l-ekwità fil-prattiki tal-homework
37 **PILASTRU 2 :** Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur: L-Edukatur bħala l-Mexxej u d-Disinjatur ta' Tagħlim Sinifikanti
39 **MIŻURA 2.1:** Insaħħu l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-homework
41 **MIŻURA 2.2:** Insaħħu l-valutazzjoni formattiva u l-prattiki ta' rispons relatati mal-homework
42 **MIŻURA 2.3:** Insaħħu prattiki tal-homework li jkunu inklużivi, differenzjati u adegwati għall-iżvilupp
45 **PILASTRU 3:** Ninvolvu lill-Familja: Il-Familja bħala Sieħba fit-Tagħlim
47 **MIŻURA 3.1:** Insaħħu l-komunikazzjoni bejn l-iskejjel u l-familji u nifhmu aħjar x'inhu mistenni mill-homework
49 **MIŻURA 3.2:** Nippromwovu l-involviment tal-ġenituri li jrawwem l-indipendenza fl-istudenti
51 **MIŻURA 3.3:** Nappoġġjaw il-bilanċ, il-benesseri u l-ġustizzja fl-ambjent tat-tagħlim ġewwa d-dar
53 **MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI**
54 **KONKLUŻJONI: MILL-POLITIKA GĦALL-PRATTIKA**
55 **REFERENZI**


KELMTEJN QABEL
MILL-ONOR. MINISTRU
DR CLIFTON
GRIMA

L-edukazzjoni f'Malta qiegħda tkompli tevolvi skont il-bżonnijiet tal-istudenti tagħna u l-aspirazzjonijiet tas-soċjetà. Filwaqt li nimxu 'l quddiem permezz tar-riformi msemmija f'Viżjoni Malta 2050 u fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030, huwa importanti li kull aspett tal-esperjenza tat-tagħlim jirrifletti l-impenn tagħna għall-kwalità, l-inklużjoni u l-benesseri. Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tirrappreżenta pass importanti f'din id-direzzjoni.

Il-homework ilu għal żmien twil jagħmel parti mill-prattika edukattiva. Madanakollu, ir-riċerka u l-esperjenza wrew li l-valur tal-homework ma jinsabx fil-kwantità ta' xogħol li jingħata, iżda fil-kwalità u l-iskop warajh. Għaldaqstant din il-politika għandha l-għan li tibdel il-homework minn kompitu ta' rutina f'estensjoni sinifikanti tat-tagħlim tal-klassi – waħda li tappoġġja l-kurżità, issaħħaħ il-fehim, u tħeġġeġ lill-istudenti jieħdu aktar responsabbiltà fil-vjaġġ edukattiv tagħhom.

Fil-qalba ta' din il-politika hemm tliet pilastri gwida: Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familja. Flimkien, dawn it-tliet pilastri jirrikonoxxu li t-tagħlim ma jseħħx f'iżolament. L-istudenti għandhom jiġu appoġġjati biex irawmu l-indipendenza u l-awtoregolazzjoni; l-edukaturi għandhom jiġu fdati u jingħataw il-mezzi biex jiddisinjaw esperjenzi ta' tagħlim b'għanijiet ċari; u l-familji għandhom jiġu involuti bħala sħab ta' valur f'ambjent ta' tagħlim bilanċjat u ta' appoġġ.

Il-politika tintroduċi wkoll qafas ċar u xieraq għall-iżvilupp tal-istudenti għall-homework matul stadji edukattivi differenti, mis-snin bikrin sal-edukazzjoni sekondarja. Billi nallinjaw l-aspettattivi mal-bżonnijiet tal-iżvilupp tal-istudenti u billi nippromwovu forom varji ta' homework – bħall-prattika, l-esplorazzjoni, l-applikazzjoni u l-integrazzjoni – inkunu qegħdin niżguraw li t-tagħlim lil hinn mill-klassi jibqa' interessanti, relevanti u ġust għal kulħadd.

Dan l-approċċ jirrispetta l-ħajja usa' tal-istudenti tagħna. Il-ħin għall-mistrieħ, il-ħajja tal-familja, il-kreattività, l-isport u l-involviment fil-komunità huma essenzjali għal żvilupp u benesseri b'saħħithom. Għaldaqstant, kultura bilanċjata tal-homework trid tappoġġja t-tagħlim filwaqt li tħares dawn id-dimensjonijiet vitali tat-tfulija u l-adolexxenza.

Din il-politika hija r-riżultat ta' djalogu estensiv mal-edukaturi, l-istudenti, il-ġenituri u partijiet ikkonċernati oħra. Din il-politika tirrifletti l-impenn komuni tagħna biex nibnu sistema edukattiva li trawwem individwi kapaċi, kunfidenti u reżiljenti, lesti biex jirnexxu f'dinja li qed tinbidel b'pass mgħaġġel.

Nestendi l-apprezzament sinċier tiegħi lil dawk kollha li kkontribwew għall-iżvilupp ta' din il-politika u nħares 'il quddiem għall-implimentazzjoni b'suċċess tagħha fi ħdan il-komunità edukattiva tagħna.

**DR CLIFTON GRIMA**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni


KELMTEJN QABEL
MIS-SEGRETARJU PERMANENTI
S-SUR MATTHEW
VELLA

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jibqa' kommess sabiex is-sistema edukattiva f'Malta tibqa' tevolvi b'tali mod li tpoġġi lill-istudenti, lill-edukaturi, u lill-familji fiċ-ċentru ta' esperjenzi ta' tagħlim sinifikanti u ġusti. Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tirrappreżenta pass importanti f'din it-trasformazzjoni kontinwa, fejn tipprovdi qafas koerenti u informat mill-evidenza, li jpoġġi l-homework bħala estensjoni ta' tagħlim b'għan, iktar milli bħala prattika ta' rutina jew li tintuża sempliċiment biex tissodisfa ir-rekwiżiti stabbiliti.

Din il-politika, f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030, tirrifletti l-impenn nazzjonali tagħna biex nipprovdu edukazzjoni ta' kwalità, niżguraw il-benesseri tal-istudenti, kif ukoll noħolqu opportunitajiet inklużivi għal kulħadd. Il-politika tippromwovi l-bidla minn approċċi ffokati fuq il-kwantità, għal approċċi li jagħtu importanza lill-valur edukattiv tal-homework, fejn jiġi żgurat illi l-kompiti mogħtija jkunu b'għan, ibbilanċjati, u adegwati għall-iżvilupp tul l-istadji kollha tal-iskola.

Din il-politika hija mibnija fuq tliet pilastri interdipendenti: Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familja. Flimkien, dawn il-pilastri jirrikonoxxu l-fatt illi t-tagħlim lil hinn mill-klassi jiddependi fuq responsabbiltà kondiviża. L-istudenti huma mħeġġa sabiex jiżviluppaw sens ta' indipendenza, ir-responsabbiltà, u abitudnijiet ta' tagħlim pożittivi. L-edukaturi huma appoġġjati u meqjusa bħala professjonisti li joħolqu esperjenzi ta' tagħlim sinifikanti. Il-familji huma involuti bħala sħab kostruttivi li jgħinu u joħolqu ambjenti ta' tagħlim inkoraġġanti għall-istudenti fid-djar.

Permezz ta' dan il-qafas, il-politika għandha l-għan li ssaħħaħ l-awtonomija tal-istudent, tappoġġja tagħlim ta' kwalità għolja u rispons formattiv, filwaqt li tipproteġi l-bilanċ u l-benesseri tal-istudenti fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Fl-aħħar nett, din il-politika tiżgura li l-homework jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-eċċellenza fl-edukazzjoni, l-ekwità, u l-iżvilupp tal-atteġġjamenti lejn it-tagħlim tul il-ħajja, li flimkien se jkunu jservu ta' ġid għall-istudenti u s-soċjetà fil-futur.

**IS-SUR MATTHEW VELLA**
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR)


KELMTEJN QABEL
MID-DIRETTUR ĠENERALI
S-SUR JUDE
ZAMMIT

Il-Homework għadu jokkupa post importanti fl-edukazzjoni, iżda fid-dinja tal-lum l-iskop tiegħu jeħtieġ li jiġi kkunsidrat mill-ġdid b'attenzjoni. Din il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework twieġeb għal din il-ħtieġa. Hija tirrikonoxxi li x-xogħol tad-dar m'għandux jibqa' jitqies sempliċiment bħala estensjoni ta' rutina tax-xogħol fil-klassi, iżda bħala parti sinifikanti mill-esperjenza edukattiva usa' tal-istudent – waħda li tappoġġja l-progress, is-sens ta' responsabbiltà u l-iżvilupp personali mingħajr ma tikkomprometti l-benesseri.

Qed ngħixu fi żmien fejn it-tfal u ż-żgħażagħ qed jikbru mdawrin bit-teknoloġija. L-għodod diġitali ġabu magħhom opportunitajiet kbar għat-tagħlim, għall-aċċess għall-informazzjoni, għall-kreattività u għall-komunikazzjoni. Fl-istess waqt, iżda, bidlu wkoll il-mod kif l-istudenti jersqu lejn l-għarfien, l-attenzjoni u l-użu tal-ħin. Iż-żieda mgħaġġla tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva żżid dimensjoni oħra ta' kumplessità. Filwaqt li dawn l-għodod jistgħu jappoġġjaw it-tagħlim meta jintużaw b'mod etiku u għaqli, hemm ukoll ir-riskju li jħeġġu dipendenza żejda fuqhom u jnaqqsu l-opportunitajiet għal ħsieb ġenwin, riflessjoni u prattika indipendenti, jekk il-homework ma jkunx imfassal b'għan ċar u b'kawtela.

Għalhekk, politika moderna dwar il-homework trid tagħmel aktar milli tirregola l-kwantità. Trid tiddefinixxi l-kwalità. Trid tippromwovi homework li jkun rilevanti, maniġġabbli, xieraq għall-età u l-iżvilupp tal-istudent, u li jrawwem tagħlim awtentiku. Fl-istess ħin, trid tħares l-ispazju għall-qari, il-mistrieħ, il-ħajja tal-familja, il-logħob, il-kreattività, l-attività fiżika u l-parteċipazzjoni f'esperjenzi ko-kurrikulari – kollha elementi essenzjali għall-iżvilupp sħiħ tat-tfal.

Din il-politika hija għalhekk mibnija fuq il-prinċipju li l-homework għandu jsaħħaħ it-tagħlim, jikkultiva s-sens ta' responsabbiltà u jinkoraġġixxi l-indipendenza, filwaqt li jevita pressjoni bla bżonn u piż eċċessiv. Hija tirrifletti l-impenn tagħna lejn sistema edukattiva li tagħti valur kemm lill-eċċellenza kif ukoll lill-benesseri.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-homework għandu jkun għas-servizz tat-tagħlim, mhux jiddominah. Għandu jgħin lill-istudenti jikbru fil-kunfidenza, fid-dixxiplina u fil-kurżità, filwaqt li jirrispetta r-realtajiet tat-tfulija u l-adolexxenza tal-lum. Huwa f'dan l-ispirtu li ġiet żviluppata din il-politika: biex jiġi żgurat li l-homework jibqa' wieħed b'għan ċar, bilanċjat u allinjat mal-ħtiġijiet edukattivi ta' żmienna.

**IS-SUR JUDE ZAMMIT**
Direttur Ġenerali
Dipartiment għall-Kurrikulu, it-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà





# LISTA TA'
# ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| IA | INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI |
| DQSE | DIRETTORAT GĦALL-KWALITÀ U L-ISTANDARDS FL-EDUKAZZJONI |
| EACEA | AĠENZIJA EŻEKUTTIVA EWROPEA GĦALL-EDUKAZZJONI U GĦALL-KULTURA |
| ELET | TLUQ BIKRI MILL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ |
| UE | UNJONI EWROPEA |
| GEM | RAPPORT TAL-MONITORAĠĠ GLOBALI TAL-EDUKAZZJONI |
| MEYR | MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI |
| NCF | QAFAS TAL-KURRIKULU NAZZJONALI |
| OECD | ORGANIZZAZZJONI GĦALL-KOOPERAZZJONI U L-IŻVILUPP EKONOMIĊI |
| PISA | PROGRAMM GĦALL-VALUTAZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-ISTUDENTI |
| UNESCO | ORGANIZZAZZJONI TAN-NAZZJONIJIET UNITI GĦALL-EDUKAZZJONI, IX-XJENZA U L-KULTURA |
| WHO | ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAS-SAĦĦA |

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tħejji qafas koerenti, informat mill-evidenza u li jqiegħed l-istudent fiċ-ċentru, li jwassal għad-disinn, l-assenjament u l-appoġġ tal-homework f'kull stadju edukattiv. Din il-politika, li tifforma parti kemm mill-pjan nazzjonali trasformattiv fi ħdan Viżjoni Malta 2050 kif ukoll mill-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030, twarrab il-konnotazzjoni tal-homework bħala attività ripetittiva jew li tiġi mogħtija sempliċiment biex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti, u minflok tqisu bħala estensjoni sinifikanti tat-tagħlim li jsir fil-klassi. Din hija riżultat ta' konsultazzjoni estensiva ma' edukaturi, studenti, familji u partijiet ikkonċernati oħra, u ta' evidenza li dejjem tiżdied u li turi b'mod ċar l-importanza tal-kwalità, il-bilanċ, l-inklużjoni u l-benesseri tal-istudenti tul l-edukazzjoni li jirċievu.

Din il-politika hija mibnija fuq 3 pilastri interdipendenti: Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familja. Flimkien, dawn il-pilastri jirriflettu responsabbiltà kondiviża għat-tagħlim li tirrikonoxxi lill-istudenti fi rwol attiv, l-edukaturi bħala disinjaturi professjonali ta' esperjenza ta' tagħlim sinifikanti, u l-familji bħala sħab edukattivi li joffru appoġġ f'din l-ekosistema ta' tagħlim bilanċjat. Din il-politika tippromwovi bidla minn homework ibbażat fuq kwantità għal dak ibbażat fuq il-kwalità, fejn tiġi enfasizzata l-importanza ta' tfassil ta' kompiti b'għan, rispons formattiv, u koordinazzjoni bejn is-suġġetti kollha, filwaqt li jkun żgurat li l-istudenti jkollhom ħin ta' mistrieħ, ħin mal-familja, kif ukoll ħin biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet kokurrikulari.

Biex tappoġġja prattika koerenti u adegwata għall-iżvilupp, il-politika tadotta kemm mudell ibbażat fuq il-fażijiet tal-età kif ukoll qafas pedagoġiku għat-tfassil tal-homework. L-aspettattivi għandhom jvarjaw bejn il-Kindergarten, is-Snin Bikrin, is-Snin Primarji, is-Snin Medji, u s-Snin Sekondarji, biex ikun żgurat żvilupp progressiv tal-indipendenza tal-istudent. Sabiex jikkumplimenta dan kollu, il-homework għandu jkun strutturat fuq erba' tipi ta' kompiti wiesgħa u kumplimentari, b'mod partikolari il-prattika, l-esplorazzjoni, l-applikazzjoni, u l-integrazzjoni, fejn tkun żgurata l-varjetà, il-profondità, u r-relevanza fit-tagħlim lil hinn mill-klassi. Tali xogħol għandu jkun iggwidat mill-għarfien u l-esperjenza professjonali tal-edukaturi.

Permezz ta' dan il-qafas, l-għan ta' din il-politika huwa li ssaħħaħ l-awtonomija tal-istudent u l-awtoregolazzjoni fl-istudent, tappoġġja l-evalwazzjoni u l-ippjanar professjonali tal-edukaturi, u trawwem involviment kostruttiv u realistiku min-naħa tal-familja, filwaqt li tissalvagwardja l-ekwità u l-benesseri tal-istudenti kollha u l-familji tagħhom. Permezz ta' dan, il-homework ikun għodda strateġika għal edukazzjoni ta' kwalità, inklużjoni soċjali, u reżiljenza nazzjonali fit-tul.

# VIŻJONI

L-għan huwa li noħolqu kultura nazzjonali fuq il-homework li ssaħħaħ l-awtonomija tal-istudenti, tappoġġja l-prattika tat-tagħlim professjonali, u tinvolvi l-familji b'modi li jippromwovu tagħlim sinifikanti, ekwità u benesseri, fejn kull student f'Malta jkollu l-opportunità li jiżviluppa l-għarfien, il-ħiliet u l-atteġġjamenti meħtieġa sabiex jirnexxi f'dinja li qiegħda kontinwament tinbidel.

# MISSJONI

Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tipprovdi qafas nazzjonali koerenti li jittrasforma l-homework f'estensjoni ta' tagħlim b'għan, bilanċjat u inklużiv. Permezz tat-tliet pilastri, Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familja, flimkien mal-użu ta' approċċ ibbażat fuq il-fażijiet tal-età u qafas pedagoġiku msejjes fuq il-prattika, l-esplorazzjoni, l-applikazzjoni u l-integrazzjoni, din il-politika għandha l-għan li ssaħħaħ l-awtonomija tal-istudent, tappoġġja tagħlim u rispons formattiv ta' kwalità għolja, tippromwovi l-ekwità u l-benesseri, u tiżgura li l-homework jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-eċċellenza fl-edukazzjoni u għat-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.

# SFOND, GĦANIJIET U OBJETTIVI

Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tifforma parti minn impenn usa' f'Malta, dak li nibnu sistema edukattiva inklużiva, ta' kwalità għolja u li hija lesta għall-futur, kif imsemmi fil-Viżjoni Malta 2050[1] u fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024–2030[2]. Iż-żewġ oqfsa jenfasizzaw li l-iżvilupp tal-kapital uman, il-benesseri, l-ekwità, u t-tagħlim tul il-ħajja jinsabu fiċ-ċentru tas-sostenibbiltà soċjali u ekonomika ta' Malta. F'dan il-kuntest, il-homework mhuwiex meqjus bħala l-għan finali, iżda bħala strument strateġiku li jestendi t-tagħlim lil hinn mill-klassi, b'mezzi li huma sinifikanti, bilanċjati u adattati għall-iżvilupp tal-istudenti. Din il-politika tirrispondi għall-konsultazzjoni estensiva ma' edukaturi, studenti, familji, u partijiet ikkonċernati, kif ukoll għal evidenza li qiegħda tevolvi fuq it-tagħlim u l-apprendiment effettiv, il-benesseri tal-istudenti, u l-bżonn li nersqu 'l bogħod minn prattiki ta' homework li huma ta' piż, ripetittivi u inekwi.[3,4,5]

Din il-politika hija mibnija fuq tliet pilastri interdipendenti: Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familja. Flimkien, dawn il-pilastri huma riflessjoni ta' responsabbiltà kondiviża għat-tagħlim li tirrikonoxxi lill-istudenti bħala parteċipanti attivi fl-iżvilupp tagħhom stess, l-edukaturi bħala mexxejja professjonali u disinjaturi ta' esperjenzi ta' tagħlim li fihom għan u huma inklużivi, u l-familji bħala sħab edukattivi essenzjali li jappoġġjaw tkabbir olistiku u bilanċjat. Dan l-approċċ jallinja mal-enfasi tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni fuq l-awtonomija tal-istudent, il-fiduċja professjonali fl-edukaturi, u s-sħubija iktar b'saħħitha bejn l-iskola, il-familja u l-komunità2, filwaqt li jappoġġja wkoll l-għan ta' Viżjoni Malta 2050 dwar il-koeżjoni soċjali, il-benesseri, u l-ħiliet meħtieġa għal futur inċert li qed jinbidel b'rata mgħaġġla.[1]

1 Government of Malta. (2026). Malta Vision 2050: A safe and resilient nation, inspired by heritage and driven by progress, fostering a healthy quality of life for all.

2 Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. (2024). National Education Strategy 2024–2030: Visioning the future by transforming education. Government of Malta

3 Organisation for Economic Co-operation and Development. (2025). Finite Time to Learn and Play: Whole Student Development and Students' Digital Leisure Outside of School. OECD Education Policy Perspectives, No. 130. OECD Publishing.

4 United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2022). UNESCO strategy on education for health and well-being. UNESCO.

5 World Health Organization & United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2025). Making every school a healthpromoting school: Implementation guidance for school health services. WHO

L-għan ewlieni ta' din il-politika huwa li jiġi żgurat li l-homework qiegħed jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-progress akkademiku tal-istudenti, l-iżvilupp personali tagħhom, u l-benesseri billi jippromwovi esperjenzi ta' tagħlim lil hinn mill-klassi li fihom skop, huma relevanti, u varjati. Din il-politika tmexxi l-enfasi minn fuq homework meqjus bħala kompitu ta' rutina jew li jiġi mogħti sempliċiment biex jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti, għal homework li huwa estensjoni sinifikanti ta' tagħlim li jsaħħaħ il-fehim, iqanqal il-kurżità, jiżviluppa l-indipendenza, u jappoġġja l-akkwist tal-ħiliet għas-seklu 21.[3,4] Permezz ta' dan, din il-politika tippromwovi l-kwalità minflok il-kwantità, tinkoraġixxi r-rispons formattiv mill-pressjoni sommattiva, tenfasizza r-responsabbiltà tar-rwol tal-istudent, u tipproteġi l-benesseri tal-istudenti permezz ta' ħajja bilanċjata li tinkludi l-mistrieħ, il-ħin mal-familja, il-ħin għal-logħob, involviment kulturali, u attivitajiet kokurrikulari.[5]

Għaldaqstant il-miri ta' din il-politika huma li:

I. tipprovdi gwida nazzjonali ċara tad-disinn, l-assenjament, il-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni tal-homework tul l-istadji kollha edukattivi;
II. tappoġġja lill-edukaturi fl-ippjanar ta' kompiti inklużivi, flessibbli u adegwata għall-iżvilupp;
III. jsaħħaħ l-kapaċitajiet tal-istudenti sabiex jiżviluppaw sens ta' responsabbiltà, awtoregolazzjoni u tagħlim indipendenti; u
IV. trawwem involviment kostruttiv u realistiku min-naħa tal-familja fir-rigward tat-tagħlim.[2,4]

F'konformità kemm ma' Viżjoni Malta 2050 u l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni, l-għan ta' din il-politika huwa li tippromwovi kemm l-ekwità kif ukoll il-ġustizzja soċjali billi jkun żgurat li l-prattiki mħaddma fil-homework ma jpoġġu fl-ebda żvantaġġ lil studenti li ġejjin minn ċirkostanzi differenti fi djarhom, filwaqt li tinkoraġġixxi l-iskejjel sabiex jadottaw strutturi li joffru appoġġ flimkien ma' approċċi koordinati. Permezz ta' dawn il-miri, din il-politika tikkunsidra l-homework bħala għodda li twassal għal livell ta' edukazzjoni eċċellenti, benesseri u reżiljenza soċjali fit-tul.[1,2]

## NIDDEFINIXXU L-HOMEWORK

# GĦAT-TAGĦLIM, L-EKWITÀ U L-BENESSERI

Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tiddefinixxi l-homework bħala kompiti strutturati ta' tagħlim li jridu jsiru lil hinn mill-klassi biex jappoġġjaw direttament it-tagħlim li jsir l-iskola, iżda li ma jkunux limitati għax-xogħol tal-kitba biss. Din il-politika tinkludi opportunitajiet adegwati għal kull età fil-qari, fl-attivitajiet kulturali u kreattivi, kif ukoll għarfien dwar kif għandu jiġi applikat it-tagħlim tagħhom fil-ħajja reali. Il-politika hija mfassla b'tali mod li l-istudenti jkunu kapaċi jwettqu xogħolhom dejjem b'iktar indipendenza u b'inqas dipendenza fuq il-ġenituri jew il-kustodji. Din id-definizzjoni intenzjonalment tiftaħ il-kunċett tal-homework minn kompitu limitat ta' eżerċizzji miktubin għal opportunitajiet immirati lejn tagħlim sinifikanti li jgħinu fl-iżvilupp ta' għarfien, ħiliet, atteġġjamenti, u abitudnijiet pożittivi ta' tagħlim, f'konformità mal-pilastri ta' din il-politika – Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familji.

Din il-politika tirrikonoxxi l-fatt li r-relazzjoni bejn il-homework u l-kisbiet imkejla mhijiex uniformi u tvarja bejn età, suġġett, u kif il-homework jiġi mfassal u evalwat.[6] Minn evidenza li ħarġet minn sinteżi ta' riċerka ewlenija turi li fejn jidħlu studenti ta' età żgħira, l-effetti medji mkejla għandhom tendenza li jkunu żgħar jew negliġibbli, filwaqt li tul

6 Council of the European Union. (2022). Council Recommendation of 28 November 2022 on Pathways to School Success and replacing the Council Recommendation of 28 June 2011 on policies to reduce early school leaving (2022/C 469/01). Official Journal of the European Union.

l-edukazzjoni sekondarja l-effetti huma iktar pożittivi[7] imma jibqgħu sensittivi lejn il-kwalità tal-kompiti, l-għan, u l-mod ta' kif il-homework jiġi mkejjel (pereżempju ammont ta' ħin li jittieħed kontra il-kwalità, il-frekwenza, jew it-tlestija).[8] Fejn ir-relazzjonijiet każwali ma jistgħux jiġu stabbiliti b'mod ċar, din il-politika tevita li tikkunsidra "iktar ħin" bħala sostitut għal "iktar tagħlim"[4,9] u minflok tagħti prijorità għal kompiti b'għan u fattibbli, li jkunu appoġġjati minn rispons u segwitu tal-klassi.[10]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-ekwità u l-benesseri tal-istudent jinsabu fiċ-ċentru ta' din id-definizzjoni.[11] Analiżi internazzjonali tenfasizza l-fatt illi l-homework jista' jpoġġi piż sproporzjonat fuq l-istudenti, minħabba restrizzjonijiet relatati ma' spazju, ħin, u d-disponibbiltà ta' sapport min-naħa ta' persuna adulta,[3] bil-possibbiltà li tiżdied id-differenza fil-prestazzjonijiet, jekk ma jkunx imfassal tajjeb.[12] Fl-istess waqt, riċerka bbażata fuq ammont eċċessiv ta' xogħol, partikolarment f'sistemi ta' prestazzjonijiet għoljin, tassoċja ammont ta' xogħol eċċessiv ma' iktar stress u inqas bilanċ f'ħajjiet l-istudenti. Dan iżid il-ħtieġa għal koordinazzjoni bejn is-suġġetti, varjetà fix-xogħol mogħti, u mezzi ta' protezzjoni għall-mistrieħ, ħin mal-familja, u parteċipazzjoni kokurrikulari.[13]

B'din l-evidenza, u billi nifhmu li dawn is-sejbiet ivarjaw bejn l-etajiet u l-kuntesti, din il-politika tadotta approċċ fejn il-kwalità tieħu prijorità fuq il-kwantità fir-rigward tal-homework. L-enfasi jitpoġġa fuq il-valur tat-tagħlim, l-ekwità, u l-esperjenza tal-istudent minflok fuq il-volum jew kemm jiġi allokat ħin, u permezz ta' monitoraġġ kontinwu l-homework jibqa' estensjoni ta' sapport tat-tagħlim u l-benesseri, aktar milli sors ta' pressjoni żejda jew inugwaljanza. [14]

7 Council of the European Union. (2021). Council Recommendation of 29 November 2021 on blended learning approaches for high-quality and inclusive primary and secondary education (2021/C 504/03). Official Journal of the European Union.

8 European School Education Platform. (2022). Toolkit for School Success. Chapter 3: Support to learners. European Commission.

9 Eurydice. (2018). Homework: What is it good for? European Commission.

10 World Health Organization & United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2021). Making every school a health-promoting school: Implementation guidance.

11 Organisation for Economic Co-operation and Development. (2014). Does Homework Perpetuate Inequities in Education? PISA in Focus, No. 46. OECD Publishing.

12 Organisation for Economic Co-operation and Development. (2019). Future of Education and Skills 2030. OECD Publishing.

13 Ozyildirim, G. (2022). Time Spent on Homework and Academic Achievement: A Meta-analysis Study Related to Results of TIMSS. Psicología Educativa, 28(1), 13–21.

14 Yang, Z., Yu, Y., & Chen, R. (2026). The effect of E-homework on K-12 students' academic achievements: a meta-analysis study. Frontiers in Psychology, 17 (1758739).

# VIŻJONI NAZZJONALI EDUKATTIVA

Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tifforma parti minn aġenda usa' rigward it-trasformazzjoni edukattiva f'Malta, kif stabbilita fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030 u l-viżjoni fit-tul spjegata f'Viżjoni Malta 2050.[1,2] Dawn ipoġġu l-edukazzjoni bħala l-mutur tal-koeżjoni soċjali, tar-reżiljenza ekonomika, u tal-benesseri tal-individwu, u jesiġu esperjenzi ta' tagħlim li jħarsu lejn il-futur u li huma inklużivi u ffokati fuq l-iżvilupp ta' ħiliet trasferibbli kif ukoll l-atteġġjamenti lejn it-tagħlim tul il-ħajja. F'dan il-kuntest, il-homework irid jiġi meqjus mhux bħala prattika f'iżolament, iżda bħala parti minn ekosistema koerenti ta' tagħlim, li tgħaqqad flimkien il-kurrikulu, il-pedagoġija, l-assessjar, u s-sapport lill-istudent waqt u lil hinn mill-ħin tal-iskola.

Din il-politika tallinja wkoll mal-proċess li għaddej tat-trasformazzjoni fil-kurrikulu, li huwa appoġġjat mill-kollaborazzjoni mal-OECD u li jenfasizza t-tagħlim ibbażat fuq il-kompetenzi, il-koerenza bejn l-oqsma kollha tat-tagħlim, u enfasi akbar fuq l-awtonomija tal-istudent, ir-relevanza, kif ukoll it-tagħlim fil-fond. Din il-bidla tirrikjedi li l-kompiti ta' tagħlim (kemm dawk li jsiru fl-iskola kif ukoll barra minnha) jitbiegħdu minn enfasi eċċessiva fuq tagħlim bl-amment u minflok jiffokaw fuq attivitajiet li fihom skop, li huma mfassla tajjeb, b'tali mod li jikkonsolidaw il-fehim, jappoġġjaw l-applikazzjoni, u jinkoraġġixxu r-riflessjoni. B'hekk, il-homework isir wieħed mill-għodod li permezz tiegħu l-għanijiet tal-kurrikulu jseħħu fil-prattika, aktar milli jkun rekwiżit ieħor jew skonnettjat.

Barra minn hekk, din il-politika tappoġġja u hija mfassla fuq strateġiji nazzjonali ewlenin, fosthom l-Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali, l-Istrateġija tat-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELET), u l-Oqfsa Nazzjonali għall-Istandards u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità.[2] L-Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali ssaħħaħ l-importanza tal-użu tat-teknoloġija sabiex ittejjeb il-kwalità tat-tagħlim, l-aċċessibbiltà, u l-involviment, b'implikazzjoni fuq it-tfassil tal-kompiti tal-homework li jistgħu jinkludu komponenti diġitali, kompiti bbażati fuq ir-riċerka, u kompiti kreattivi.[13] Min-naħa l-oħra l-Istrateġija tal-ELET tenfasizza l-bżonn li jitnaqqas id-distakk u li jitneħħew l-ostakli fil-parteċipazzjoni tat-tagħlim, li huwa objettiv li jirrikjedi li l-prattiki tal-homework ikunu inklużivi, realistiċi, u sensittivi għaċ-ċirkostanzi tad-dar tal-istudenti.

F'dan il-kuntest, il-homework huwa meqjus bħala komponent li jappoġġja u jippermetti il-proċess usa' u trasformattiv tal-edukazzjoni f'Malta: wieħed li jikkontribwixxi għal standards ogħla, jippromwovi l-ekwità, u jrawwem abitudnijiet ta' tagħlim għal tul il-ħajja, filwaqt li jipproteġi l-benesseri tal-istudent kif ukoll l-iżvilupp bilanċjat.[2] Għaldaqstant, din il-politika tipprovdi linji gwida nazzjonali sabiex tiżgura illi l-prattiki tal-homework fl-iskejjel huma koerenti mal-prijoritajiet strateġiċi, ibbażati fuq livell professjonali, u f'konformità ma' kurrikulu li qed jevolvi u l-oqfsa ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

# RIGWARD IL-HOMEWORK

Fil-livell Ewropew, qiegħed jiżdied ir-rikonoxximent li t-tagħlim li jmur hinn mill-klassi għandu jkun b'għan, bilanċjat, u ekwitabbli, filwaqt li xogħol 'il barra mill-iskola li hu eċċessiv u li mhux imfassal tajjeb jista' jdgħajjef kemm it-tagħlim kif ukoll il-benesseri.[4] Għalkemm m'hemm l-ebda politika tal-UE dwar il-homework, il-monitoraġġ Ewropew fuq l-edukazzjoni u l-gwida fuq il-politika kontinwament jagħmlu enfasi fuq il-benesseri tal-istudent, l-edukazzjoni inklużiva, u l-kwalità tal-proċessi tat-tagħlim, iktar milli fuq l-ammont ta' kompiti mogħtija. Is-suċċess tal-qafas tal-UE relatat mal-iskejjel u l-linji gwida tal-Kunsill[6] jenfasizzaw fuq approċċi li jinvolvu l-iskola kollha, kif ukoll fuq sħubija mal-familji u speċifikament ma' strutturi ta' appoġġ bħal klabbs tal-qari, libreriji, u programmi li jsiru wara l-ħin tal-iskola. Dan l-approċċ jallinja preċiżament mal-pilastru Ninvolvu lill-Familja: Il-Familja bħala Sieħba fit-Tagħlim, iżda jagħmel distinzjoni ewlenija: il-familji huma sħab edukattivi li jiffaċilitaw it-tagħlim, filwaqt li s-sistemi jibqgħu responsabbli biex jipprovdu appoġġi ekwi fejn ir-riżorsi tad-dar ivarjaw.

Fl-istess ħin, il-gwida tal-UE dwar it-tagħlim imħallat tifformalizza kunċett usa' ta' ambjenti ta' tagħlim, l-ispazji fid-dar u fil-komunità u tpoġġi b'mod espliċitu l-benesseri tal-istudent, l-awtonomija, u t-tagħlim personalizzat bħala prijoritajiet tat-tfassil, filwaqt li tirrikonoxxi d-diviżjoni diġitali u l-bżonn li jiġi evitat li jitpoġġa piż fuq il-familji.[8] Fil-każ tal-politika dwar il-homework, din tappoġġja gwida prattika bħal: tfassil ta' kompiti li jitħaddmu kemm permezz tal-internet kif ukoll mingħajr; koordinazzjoni bejn is-suġġetti; iżgurar ta' aċċessibbiltà permezz ta' pjattaformi komuni; u trattament tar-rispons bħala appoġġ għal tagħlim formattiv aktar milli sempliċiment għoti ta' marki.

B'mod simili, analiżi magħmula mill-OECD, partikolarment dawk li jużaw informazzjoni mill-PISA, enfasizzaw li l-prattiki tal-homework ivarjaw sew bejn pajjiż u ieħor u li l-ħin li wieħed iqatta' sabiex ilesti l-homework mhuwiex rappreżentazzjoni affidabbli li jindika l-kwalità tat-tagħlim u r-riżultati. L-OECD wissiet ukoll li l-homework jista' jżid u jaggrava l-inugwaljanzi edukattivi meta l-abbiltà tal-istudenti li jlestu l-kompiti tiddependi ħafna fuq ir-riżorsi tad-dar, l-ispazju, il-ħin, u l-appoġġ mill-adulti.[3,11] Dawn ir-riżultati jsaħħu l-importanza ta' politiki nazzjonali li jiffokaw fuq it-tfassil, il-koordinazzjoni, il-livell ġust tal-kompiti aktar milli ż-żieda fl-ammont ta' xogħol, kif ukoll fuq il-bżonn ta' miżuri li jikkumpensaw u l-appoġġ min-naħa tal-iskola fejn meħtieġ.

Organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-UNESCO u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għamlu enfasi akbar fuq ir-rwol ċentrali tal-benesseri tal-istudent, is-saħħa mentali, u l-iżvilupp bilanċjat bħala parti integrali mill-kwalità edukattiva u s-suċċess tal-istudent.[5,4] Ix-xogħol tal-UNESCO relatat mas-saħħa u l-benesseri fis-settur edukattiv jenfasizza l-ħtieġa li s-sistemi edukattivi jiżguraw li d-domandi għat-tagħlim ma jdgħajfux l-iżvilupp fiżiku, soċjali, u emozzjonali tal-istudenti, filwaqt li l-qafas tal-WHO dwar skejjel li jippromwovu s-saħħa jenfasizza r-rwol tal-politiki tal-iskejjel li joħolqu ambjenti li jappoġġjaw rutini b'saħħithom, ammont ta' xogħol li jista' jiġi mmaniġġjat, u esperjenzi ta' tagħlim pożittivi.[5,4] Dawn il-perspettivi huma direttament relevanti għall-homework li ta' kuljum jgħaqqad l-aspettattivi tal-iskola u l-ħajja tal-istudenti lil hinn mill-iskola.

Din id-direzzjoni ta' politika usa' tipprovdi kuntest importanti għal approċċi nazzjonali relatati mal-homework li jipprijoritizzaw il-koerenza, il-proporzjonalità, u l-valur edukattiv. Flimkien, l-evidenza maħruġa mill-UE u dik internazzjonali jappoġġjaw il-bidla minn politiki dwar il-homework li jiffokaw fuq il-kwantità għal dawk ibbażati fuq il-kwalità, u li jżommu l-benesseri, l-ekwità, u l-għan edukattiv fiċ-ċentru. Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tirrifletti din id-direzzjoni permezz ta' tfassil ta' homework li jitqies bħala estensjoni sinifikanti tat-tagħlim, billi tinkorpora protezzjoni għall-bilanċ u l-ġustizzja, u billi tallinja l-prattika nazzjonali ma' prinċipji internazzjonali rikonoxxuti dwar edukazzjoni ta' kwalità, l-ekwità, u l-benesseri.

# KONSULTAZZJONI

L-iżvilupp tal-Politika Nazzjonali dwar il-Homework mexa fuq proċess ta' konsultazzjoni strutturat u maqsum f'diversi fażijiet. Dan sabiex jiġi inkorporat involviment ta' għadd kbir ta' partijiet ikkonċernati, skrutinju professjonali u titjib informat mill-evidenza. Bejn April u Ġunju tal-2023, wara sensiela ta' diskussjonijiet u preżentazzjoni lill-Bord tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF) ġie żviluppat l-abbozz. Minn Lulju sa Ottubru tal-2023, il-gruppi ta' ħidma maħtura rrevedew ir-rispons maħruġ mill-Bord tal-NCF, aġġornaw id-dokument u ppreparawh sabiex jgħaddi għall-konsultazzjoni preliminari. Bejn Ottubru tal-2023 u Ottubru tal-2024 seħħew numru ta' diskussjonijiet u konsultazzjonijiet oħra ma' partijiet ikkonċernati aktar speċifiċi.

Bejn Novembru tal-2024 u Jannar tal-2025 saret konsultazzjoni pubblika komprensiva permezz ta' diversi mezzi, inklużi gruppi fokali, diskussjonijiet li seħħew fi ħdan il-Forum dwar il-Prospettiva Strateġika tal-Edukazzjoni f'Malta (MEFF) bħala parti integrali mill-inizjattiva L-Edukaturi Jfasslu l-Politika, u kwestjonarji online li ġew imqassma lill-edukaturi, il-ġenituri, u l-istudenti kemm fl-iskejjel primarji kif ukoll dawk sekondarji. Fl-istess waqt, il-politika kompliet tissaħħaħ permezz ta' kontribut ta' esperti fil-qasam tal-edukazzjoni, inkluż rakkomandazzjonijiet mill-Bord ta' Reviżjoni tal-NCF, b'mod partikolari fuq l-iskedar tal-homework kif ukoll id-diversità tal-kompiti. Tul dan il-proċess ġew riċevuti madwar 1,500 rispons. Wara analiżi dettaljata, li seħħet fi Frar tal-2025, din il-politika ġiet irfinata u ppreżentata lill-Bord tan-NCF.

Il-konsultazzjoni rriżultat f'irfinar sinifikanti tal-politika, li preżentament issa jinsab rifless fit-tliet pilastri strateġiċi – Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familja. Tliet bidliet ewlenin ġew introdotti: gwida riveduta dwar l-ammont ta' homework, li tinkludi t-tneħħija ta' limiti fil-ħinijiet riġidi u modifika fejn jidħol appoġġ, bilanċ aħjar u l-benesseri tal-istudent; introduzzjoni ta' qafas pedagoġiku ċar relatat mal-homework, mibni fuq l-erba' strutturi 'Prattika, Esplorazzjoni, Applikazzjoni u Integrazzjoni' li flimkien jappoġġjaw tfassil b'għan aktar milli kompiti li jsiru ta' rutina; u flessibbiltà akbar għal dawk l-istudenti bi bżonnijiet differenti fejn jidħol tagħlim, flimkien ma' linji gwida b'saħħithom dwar l-involviment tal-ġenituri sabiex tiġi mħeġġa l-indipendenza minflok id-dipendenza.

B'mod ġenerali, din il-konsultazzjoni kellha appoġġ b'saħħtu min-naħa tal-partijiet ikkonċernati li rriżulta fi prattiki ta' homework aktar impenjattivi, diversi, b'għanijiet speċifiċi u bilanċjati, li direttament sawru l-enfasi ta' din il-politika fuq il-prattiċità, il-flessibbiltà, il-qari, l-involviment tal-ġenituri, il-piż bilanċjat tal-kompiti, l-inklużjoni u l-ekwità.

# PILASTRI STRATEĠIĊI

# INTRODUZZJONI

Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework hija mibnija fuq tliet pilastri interdipendenti: Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur, u Ninvolvu lill-Familji. Flimkien, dawn il-pilastri jiddefinixxu r-responsabbiltajiet kondiviżi tal-istudenti, l-edukaturi, u l-familji biex jiżguraw illi l-homework jappoġġja tagħlim sinifikanti, l-ekwità, u l-benesseri. Dawn il-pilastri huma msejsa fuq l-importanza li jiġu prijoritizzati l-kwalità aktar milli l-kwantità, ir-rispons formattiv minflok sempliċiment l-għoti tal-marki, u l-kompiti mfassla b'għan u mhux il-prattiki ta' rutina jew dawk li jintużaw sempliċiment biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti. Dawn jipprovdu l-qafas strateġiku li permezz tiegħu l-homework jiġi ppjanat, assenjat, appoġġjat u rivedut fl-iskejjel u fil-livelli edukattivi kollha.

Permezz ta' din l-istruttura, il-politika tadotta kemm mudell ibbażat fuq fażijiet tal-età kif ukoll qafas pedagoġiku għat-tfassil tal-homework. Il-mudell relatat mal-fażijiet tal-età jiddifferenzja bejn l-aspettattivi tal-Kindergarten, is-Snin Bikrin, is-Snin Primarji, is-Snin Medji, u s-Snin Sekondarji, kif ukoll jiżgura li l-homework huwa adattat għall-iżvilupp u jibni b'mod progressiv l-indipendenza fl-istudent. Il-qafas pedagoġiku jikkumplimenta dan billi jpoġġi l-homework f'erba' kategoriji kumplimentari, li huma l-prattika, l-esplorazzjoni, l-applikazzjoni u l-integrazzjoni, sabiex jappoġġja l-varjetà, il-profondità u r-relevanza fit-tagħlim lil hinn mill-klassi. Flimkien, dawn l-element jiżguraw il-koerenza bejn il-kurrikulu, il-pedagoġija, u l-assessjar, filwaqt li jipproteġu l-bilanċ, l-inklużjoni u l-benesseri tal-istudent.

# QAFAS GĦAT-TFASSIL TAL-HOMEWORK

Din il-politika tistabbilixxi qafas pedagoġiku komuni li jgħin fit-tfassil tal-homework għas-suġġetti u l-gruppi tal-etajiet kollha. L-iskop wara l-erba' tipi ta' homework kumplimentari mhuwiex biex iservi ta' verifika jew kwota, imma bħala għodda ta' ppjanar li tgħin biex jiġi żviluppat homework b'għan, varjat u xieraq li jimxi id f'id mal-għanijiet tal-kurrikulu u t-tagħlim fil-klassi.

Homework ta' prattika jiffoka fuq li jikkonsolida u jsaħħaħ il-ħiliet, il-kunċetti, l-atteġġjamenti, u l-valuri li jkunu diġà ġew introdotti fil-klassi. Homework esplorattiv jappoġġja lill-istudenti sabiex joħorġu b'ideat ġodda jew japprofondixxu l-fehim tagħhom permezz ta' attivitajiet li jinvolvu qari, wiri, smigħ, mistoqsijiet, jew riċerka, li jistgħu jkunu gwidati mill-għalliema jew mibdija mill-istudenti nfushom. Homework ta' applikazzjoni jħeġġeġ lill-istudenti japplikaw dak li tgħallmu għall-ħajja reali jew f'kuntesti awtentiċi sabiex isaħħu l-kunċett ta' relevanza u fehim. Homework ta' integrazzjoni jappoġġja tagħlim interdixxiplinarju u transkurrikulari billi jirrikjedi li l-istudenti jagħmlu konnessjoni tal-għarfien u l-ħiliet miksuba minn suġġetti jew oqsma ta' tagħlim differenti u jużawhom f'kompitu wieħed. Meta l-erba' tipi ta' homework jintużaw b'mod flessibbli u flimkien, dawn jippromwovu approċċ għal homework li huwa bilanċjat, sinifikanti u li jqiegħed l-istudent fiċ-ċentru, filwaqt li jmorru lil hinn minn kompiti ripetittivi ta' kitba għal esperjenzi ta' tagħlim li huma sinifikanti u aktar impenjattivi.




Figura 1 – Qafas pedagoġiku biex jintuża bħala gwida fit-tfassil tal-homework

# PILASTRU 1

## INSAĦĦU L-AWTONOMIJA TAL-ISTUDENT – L-ISTUDENT FI RWOL ATTIV

Dan il-pilastru jqiegħed lill-istudenti fiċ-ċentru tal-homework billi jirrikonoxxihom bħala parteċipanti attivi fit-tagħlim tagħhom stess, minflok bħala riċevituri passivi tal-kompiti. Taħt dan  il-pilastru, il-homework jappoġġja l-iżvilupp tar-responsabbiltà, l-awtoregolazzjoni, l-indipendenza, u l-atteġġjamenti pożittivi għat-tagħlim, f'konformità mal-enfasi tal-politika fuq il-kwalità, il-bilanċ, u l-benesseri. Il-kompiti għandhom ikunu mfassla b'mod li jkollhom għan, li jkunu adattati skont l-etajiet, u li jkunu immaniġġjati b'mod awtonomu sabiex jippermettu lill-istudenti jikkonsolidaw it-tagħlim, japplikaw l-għarfien f'kuntesti tal-ħajja reali, u jiżviluppaw abitudnijiet ta' tagħlim tul il-ħajja mingħajr dipendenza eċċessiva fuq l-appoġġ tal-adulti.

---

# PILASTRU 2

## INSAĦĦU R-RWOL TAL-EDUKATUR – L-EDUKATUR BĦALA L-MEXXEJ U D-DISINJATUR TA' TAGĦLIM SINIFIKANTI

Dan il-pilastru jirrikonoxxi lill-edukaturi bħala dawk li jfasslu l-politika, mexxejja professjonali u disinjaturi ta' esperjenzi ta' tagħlim ta' kwalità għolja, inkluż fl-għoti tal-homework. Dan il-pilastru jenfasizza l-importanza ta' ppjanar bi skop, koordinazzjoni bejn is-suġġetti, tagħlim differenzjat, u l-użu ta' tipi ta' kompiti differenti sabiex jintlaħqu il-bżonnijiet diversi tal-istudent. Fi ħdan ta' din il-politika, il-homework mhux meqjus bħala kompitu ta' rutina jew li jiġi mogħti sempliċiment biex jissodisfa ir-rekwiżiti stabbiliti, imma bħala estensjoni tat-tagħlim fil-klassi, li jkun appoġġjat minn rispons formattiv u konformi mal-għanijiet tal-kurrikulu. Dan il-pilastru jirrifletti wkoll l-impenn ta' din il-politika lejn evalwazzjoni professjonali, prattika inklużiva, u l-bidla minn homework ibbażat fuq il-kwantità għal dak ibbażat fuq il-kwalità.

## PILASTRU 3

# NINVOLVU LILL-FAMILJA – IL-FAMILJA BĦALA SIEĦBA FIT-TAGĦLIM

Dan il-pilastru jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-familji fl-appoġġ tagħhom lejn l-istudenti, filwaqt li jafferma b'mod ċar li l-homework għandu jrawwem sens ta' indipendenza fl-istudent minflok sens ta' dipendenza. Dan il-pilastru jippromwovi s-sħubija kostruttiva bejn l-iskejjel u l-familji, li għandha tkun msejsa fuq komunikazzjoni ċara, fehim komuni ta' x'inhu mistenni, u appoġġ għal approċċ bilanċjat fit-tagħlim. Fi ħdan ta' dan il-qafas, il-familji huma mħeġġa jipprovdu ambjent ta' appoġġ u inkoraġġiment pożittiv. Min-naħa l-oħra, l-kompiti tal-homework għandhom ikunu mfassla b'modi li jkunu aċċessibbli, ġusti, u li jistgħu jsiru minn kull student, irrispettivament miċ-ċirkostanzi tad-dar, filwaqt li jibqgħu f'konformità mal-impenn ta' din il-politika lejn l-ekwità u l-benesseri.

PILASTRU 1

## INSAĦĦU L-AWTONOMIJA TAL-ISTUDENT

# L-ISTUDENT FI RWOL ATTIV

Dan il-pilastru huwa bbażat fuq ġabra sostanzjali ta' riċerka internazzjonali u gwida politika li jenfasizzaw fuq l-importanza tal-awtonomija tal-istudent, l-awtoregolazzjoni, u l-involviment attiv fit-tagħlim. Evidenza li ħarġet minn sinteżi ta' riċerka ta' skala kbira kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali, tindika li l-eżiti tat-tagħlim huma aktar assoċjati mal-kwalità, l-għan, u d-disinn tal-kompiti milli mal-ammont ta' ħin mgħoddi fuqhom biex isiru. L-istudenti jibbenefikaw l-aktar meta jiġu appoġġjati biex jieħdu fuqhom responsabbiltajiet akbar fil-proċessi ta' tagħlim tagħhom.[15] Fil-kuntest tal-homework, dan jenfasizza l-importanza ta' kompiti li jippromwovu r-riflessjoni, l-indipendenza u l-involviment sinifikanti, minflok il-konformità jew ir-rutina.[16]

Barra minn dan, evidenza internazzjonali tenfasizza l-ħtieġa li nibbilanċjaw id-domandi akkademiċi mal-benesseri u l-bżonnijiet għall-iżvilupp tal-istudenti, partikolarment fejn jidħol l-ammont ta' xogħol, l-istress u l-ekwità. Analiżi mill-OECD u l-UNESCO jwissu li homework eċċessiv jew li mhux imfassal b'mod tajjeb jista' jżid l-inugwaljanza u jaffettwa b'mod negattiv il-motivazzjoni u l-benesseri tal-istudent , speċjalment fejn jidħlu studenti ta' età żgħira u dawk li għandhom appoġġ limitat id-dar.[4] Fl-istess waqt, ir-riċerka turi li meta l-homework ikun imfassal b'għan, adegwat għall-iżvilupp, u appoġġjat minn rispons formattiv, dan jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' awtoregolazzjoni, atteġġjamenti pożittivi lejn it-tagħlim, u abitudnijiet għat-tagħlim fit-tul.[17] Permezz ta' din il-perspettiva informata mill-evidenza, dan il-pilastru jqis il-homework bħala għodda strateġika li ssaħħaħ l-awtonomija u l-indipendenza tal-istudent, filwaqt li tipproteġi l-bilanċ, l-inklużjoni u l-benesseri.

## *Miżuri*

- *Miżura 1.1: Insaħħu s-sens ta' indipendenza, ir-responsabbiltà, u l-immaniġġjar awtonomu fl-istudent*
- *Miżura 1.2: Niżguraw li l-homework jipprovdi esperjenza ta' tagħlim sinifikanti, varjata u adegwata għall-iżvilupp*
- *Miżura 1.3: Nipproteġu l-benesseri tal-istudent, il-bilanċ u l-ekwità fil-prattiki tal-homework*

15 Hattie, J. (2008). Visible learning: A synthesis of over 800 meta-analyses relating to achievement. Routledge.
16 Cooper, H., Robinson, J. C., & Patall, E. A. (2006). Does homework improve academic achievement? A synthesis of research, 1987–2003. Review of Educational Research, 76(1), 1–62.

### *Miżura 1.1*

## *Insaħħu s-sens ta' indipendenza, ir-responsabbiltà, u l-immaniġġjar awtonomu fl-istudent*

Il-homework għandu jibni b'mod progressiv il-kapaċità tal-istudenti biex jorganizzaw xogħolhom, jimmaniġġjaw il-ħin, ifittxu l-kjarifiki, jaġixxu fuq ir-rispons mogħti, u jassumu r-responsabbiltà fit-tlestija u s-sottomissjoni tal-kompiti tagħhom, dejjem skont l-età u l-istadju ta' żvilupp li jkunu fih.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

1.1.1 Fil-Kindergarten, l-ebda homework ta' kitba ma għandu jingħata; l-attivitajiet għandhom jiffokaw fuq tagħlim li jinkorpora l-logħob u tagħlim esperjenzjali li jsaħħu t-tagħlim tal-klassi u jappoġġjaw atteġġjamenti pożittivi lejn it-tagħlim.

1.1.2 Homework ta' kitba fl-Ewwel Sena huwa ġeneralment skoraġġut, minbarra f'każijiet fejn l-edukaturi jħossu li huwa pedagoġikament neċessarju; fit-Tieni Sena, il-homework għandu jkun introdott gradwalment permezz ta' attivitajiet multisensorjali, li jkunu adattati għall-iżvilupp, u li jkunu bbażati fuq il-qari.

1.1.3 Mit-Tielet sas-Sitt Sena, l-istudenti għandhom ikunu appoġġjati sabiex jieħu nota ta' xogħolhom, jimmaniġġjaw dati ta' skadenza sempliċi, kif ukoll isegwu b'mod indipendenti struzzjonijiet li jingħatawlhom permezz ta' kompiti varji li jkunu adattati għall-etajiet tagħhom.

1.1.4 Mis-Seba' sal-Ħdax-il Sena, l-istudenti għandhom ikunu mistennija li jkunu jafu jippjanaw, jorganizzaw, u jlestu l-kompiti relatati ma' homework b'aktar indipendenza.

1.1.5 Fil-gruppi tas-snin kollha, l-istudenti għandhom ifittxu u jistaqsu għall-kjarifiki meħtieġa meta ma jifhmux xi kompiti u għandhom imbagħad jaġixxu skont ir-rispons provdut.

1.1.6 Għandu jkun hemm proċeduri ċari għal homework kemm waqt assenzi qosra, kif ukoll dawk aktar twal, li jinkludu żmien adegwat għat-tlestija u s-sottomissjoni tax-xogħol li jkun ġie mitluf waqt l-assenza.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

1.1.7 L-iskejjel għandhom jistabbilixxu progressjoni koerenti fejn jidħlu l-aspettattivi tar-responsabbiltà tal-istudent, partikolarment fis-snin ta' tranżizzjoni.

1.1.8 L-istudenti għandhom ikunu appoġġjati b'mod sistematiku sabiex jiżviluppaw il-ħiliet relatati ma' organizzazzjoni, immaniġġjar ta' ħin, awtoregolazzjoni, u riflessjoni.

1.1.9 L-iskejjel jistgħu jipprovdu kompiti fakultattivi għat-tkabbir fit-tagħlim jew reviżjoni għal dawk l-istudenti li jixtiequ jżidu t-tagħlim tagħhom, sakemm dawn ma jżidux mal-ammont ta' xogħol obbligatorju.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

1.1.10 L-awtonomija u r-responsabbiltà tal-istudent fir-rigward tal-homework għandhom ikunu inkorporati bħala fattur konsistenti fit-tagħlim tul l-istadji kollha.

1.1.11 L-iskejjel għandhom jintegraw l-indipendenza tal-istudent flimkien mar-responsabbiltà fil-homework fil-proċessi ta' evalwazzjoni u reviżjoni tagħhom.

*Miżura 1.2*

## *Niżguraw li l-homework jipprovdi esperjenza ta' tagħlim sinifikanti, varjata u adegwata għall-iżvilupp*

Il-homework se jirrifletti l-qafas propost, li hu mibni fuq l-erba' tipi kumplimentari ta' kompiti (il-prattika, l-esplorazzjoni, l-applikazzjoni, u l-integrazzjoni) u jinkludi l-qari, attivitajiet ta' tagħlim kreattiv, kulturali, kif ukoll li jinkorpora il-logħob u l-ħajja reali, sabiex nimxu lil hinn minn kompiti ta' kitba ripetittivi. L-għan wara din il-firxa ta' kompiti bbilanċjati għandu jkun it-tisħiħ tat-tagħlim, l-inkoraġġiment għall-esplorazzjoni, l-appoġġ fl-applikazzjoni tat-tagħlim f'kuntesti ta' ħajja reali, u l-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-għarfien fis-suġġetti kollha. Tali kompiti għandhom jinkludu qari, attivitajiet ta' tagħlim kreattiv, kulturali, diġitali, li jinkorpora il-logħob u l-ħajja reali.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

1.2.1 Fil-Kindergarten u fis-Snin Bikrin, l-attivitajiet relatati mal-homework għandhom jagħtu prijorità lill-logħob, il-qari, it-tagħlim kreattiv u esperjenzjali, minflok il-kompiti ta' kitba.

1.2.2 Fis-Snin Primarji l-homework għandu jinkludi taħlita varjata ta' kompiti ta' prattika, esplorazzjoni,kreattivi, u riċerka jew investigazzjoni sempliċi.

1.2.3 Fis-Snin Medji u Sekondarji, il-homework għandu jkun ippjanat sabiex jikkonsolida, jestendi, kif ukoll japplika t-tagħlim tal-klassi b'mezzi li jkollhom għan.

1.2.4 Il-homework, tul l-istadji kollha, għandu jinkludi b'mod regolari il-qari kif ukoll opportunitajiet għal tagħlim kreattiv, kulturali, fiżiku, diġitali, u bbażat fuq il-ħajja reali, adattat skont l-età u l-iżvilupp tal-istudenti.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

1.2.5 L-iskejjel għandhom jagħmlu użu minn ammont bilanċjat ta' kompiti li jsaħħu t-tagħlim, jinkoraġġixxu l-esplorazzjoni, jappoġġjaw l-applikazzjoni tat-tagħlim fil-ħajja reali, u jintegraw it-tagħlim fis-suġġetti kollha.

1.2.6 Il-homework għandu jkun konformi b'mod sistematiku mat-tagħlim fil-klassi l-kompiti mogħtija jsaħħu, jestendu u japplikaw dak li ġie mgħallem l-iskola.

1.2.7 Għandhom ikunu promossi inizjattivi ta' homework interdixxiplinari u transkurrikulari, b'mod partikolari l-Aħħar Snin tal-Primarja, fis-Snin Medji u dawk Sekondarji.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

1.2.8 Il-homework għandu jkun riflessjoni kontinwa tal-għanijiet tal-kurrikulu, l-iżvilupp tal-kompetenzi, u l-applikazzjoni tat-tagħlim fil-ħajja reali f'kull stadju.

1.2.9 It-tfassil tal-homework għandu jkun rivedut u rfinat f'konformità mal-iżvilupp tal-kurrikulu u mal-evidenza dwar it-tagħlim u l-apprendiment effettiv.

## *Miżura 1.3*

### *Nipproteġu l-benesseri tal-istudent, il-bilanċ u l-ekwità fil-prattiki tal-homework*

Il-homework għandu jappoġġja l-benesseri kollha tal-istudent, jipproteġi l-ħin ta' mistrieħ, il-ħajja tal-familja, u attivitajiet kokurrikulari, jiżgura li l-istudenti li ġejjin minn ċirkostanzi tad-dar differenti jkunu ttrattati b'mod ġust, u ma għandux ikun użat għal skopijiet ta' valutazzjoni sommattiva.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

1.3.1 L-ammont ta' homework mogħti għandu jkun ibbilanċjat bejn is-suġġetti u ma għandux jiżdied fit-tmiem il-ġimgħa jew fil-vakanzi tal-iskola.

1.3.2 Il-homework ma għandux jintuża għall-valutazzjoni sommattiva jew biex jiġu kkalkulati l-valutazzjoni kontinwa jew il-marki globali. Ir-rispons għandu jkun wieħed formattiv u ffokat fuq it-tagħlim.

1.3.3 Fis-snin Medji u Sekondarji, l-għalliema għandhom jikkoordinaw il-homework bejn is-suġġetti kollha sabiex jiġu evitati l-istess dati ta' skadenza u l-ammont ta' xogħol eċċessiv.

1.3.4 Il-homework għandu jkun ippjanat b'tali mod li ma jinterferixxix mal-parteċipazzjoni tal-istudenti f'attivitajiet kokurrikulari, mal-ħin mal-familja, mal-mistrieħ u mal-ħin għal-logħob.

1.3.5 L-istudenti bi bżonnijiet u ċirkostanzi fid-dar differenti għandhom ikunu appoġġjati permezz ta' prattiki differenzjati tal-homework u, fejn meħtieġ, b'miżuri ta' appoġġ li jingħataw min-naħa tal-iskola.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

1.3.6 L-iskejjel għandhom isegwu l-esperjenza tal-istudent fil-homework sabiex jiġu identifikati kwistjonijiet relatati mal-ammont ta' xogħol, mal-istress, jew mal-inugwaljanza u b'hekk jaġġustaw il-prattiki skont kif ikun xieraq.

1.3.7 Prattiki inklużivi u ekwi tal-homework għandhom jissaħħu biex jiġi żgurat aċċess ġust għal opportunitajiet ta' tagħlim għall-istudenti kollha.

1.3.8 Approċċi kkoordinati għall-ippjanar tal-homework għandhom ikunu kkonsolidati f'livell ta' skola, partikolarment fis-Snin Medji u Sekondarji.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

1.3.9 Il-benesseri, il-bilanċ u l-ekwità tal-istudent għandhom ikunu inkorporati bħala kriterji ewlenin fl-awtoevalwazzjoni tal-iskola u fir-reviżjonijiet nazzjonali tal-prattika tal-homework.

1.3.10 Is-sistema edukattiva għandha żżomm approċċ immexxi mill-kwalità, bilanċjat, u inklużiv fejn jidħol il-homework, li jappoġġja t-tagħlim mingħajr ma joħloq stress jew żvantaġġ bla bżonn.

## PILASTRU 2

## INSAĦĦU R-RWOL TAL-EDUKATUR

# L-EDUKATUR BĦALA L-MEXXEJ U D-DISINJATUR TA' TAGĦLIM SINIFIKANTI

Dan il-pilastru huwa mibni fuq bażi ta' evidenza internazzjonali li tenfasizza r-rwol ewlieni tal-evalwazzjoni tal-professjoni tal-għalliem, id-disinn tat-tagħlim, u l-valutazzjoni formattiva fit-titjib tal-eżiti tat-tagħlim. Sinteżi tar-riċerka kontinwament juru li l-impatt li jħallu l-attivitajiet tat-tagħlim, inkluż il-homework, jiddependi inqas fuq frekwenza u volum[15] u iktar fuq iċ-ċarezza ta' x'inhu l-għan, il-konformità mal-għanijiet tal-kurrikulu, il-kwalità tal-kompiti, u r-rispons. Gwida ta' politika internazzjonali tkompli tenfasizza fuq l-importanza ta' kurrikulu koerenti, il-pedagoġija, il-konformità tal-valutazzjoni, u l-kollaborazzjoni bejn l-għalliema fl-ippjanar ta' esperjenzi ta' tagħlim li huma adegwati għall-iżvilupp, inklużivi, u li jqisu l-bżonnijiet tal-istudent.

Fil-kuntest tal-homework, din l-evidenza tagħti importanza lit-tfassil ta' kompiti b'għan, lill-koordinazzjoni bejn is-suġġetti, u l-użu formattiv tal-xogħol tal-istudent, aktar milli lir-rutina jew lill-kompiti li jiġu mogħtija sempliċiment biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti. Studji li saru fuq il-valutazzjoni formattiva u r-rispons juru li rispons fil-ħin, speċifiku u ffokat fuq it-tagħlim, huwa fost l-aktar influwenzi b'saħħithom għall-progress tal-istudent, partikolarment meta jappoġġjaw lill-istudenti sabiex jifhmu aħjar kif javvanzaw u jtejbu x-xogħol tagħhom.[18,20] Fl-istess waqt, analiżi internazzjonali twissi li xogħol li mhux ikkoordinat jew imfassal tajjeb jista' jdgħajjef kemm il-kwalità tat-tagħlim kif ukoll il-benesseri tal-istudent. B'hekk, dan issaħħaħ il-ħtieġa għall-ippjanar professjonali, il-koerenza, u l-moderazzjoni fil-livell ta' skola.[19] Permezz ta' din il-perspettiva informata mill-evidenza, dan il-pilastru jpoġġi lill-edukaturi bħala aġenti ewlenin li jiżguraw li l-homework qed jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tagħlim, l-ekwità, u l-iżvilupp bilanċjat.

## *Miżuri*

- *Miżura 2.1: Insaħħu l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-homework*
- *Miżura 2.2: Insaħħu l-valutazzjoni formattiva u l-prattiki ta' rispons relatati mal-homework*
- *Miżura 2.3: Insaħħu prattiki tal-homework li jkunu inklużivi, differenzjati u adegwati għall-iżvilupp*

18 Black, P., & Wiliam, D. (1998). Assessment and classroom learning. Assessment in Education, 5(1), 7–74.

19 Organisation for Economic Co-operation and Development. (2018). Teaching for the Future: Effective Classroom Practices to Transform Education. OECD Publishing.

20 Shute, V. J. (2008). Focus on formative feedback. Review of educational research, 78(1), 153–189.

## *Miżura 2.1*

### *Insaħħu l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-homework*

Il-homework għandu jkun ippjanat u kkoordinat bħala estensjoni intenzjonata tat-tagħlim fil-klassi, u allinjat mal-objettivi tal-kurrikulu, il-bżonnijiet tal-istudenti, u l-istadji tal-iżvilupp. Il-homework għandu jkun kkoordinat ukoll mas-suġġetti kollha biex il-kompiti mogħtija jkunu koerenti u bilanċjati.

### *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

2.1.1 Il-kompiti tal-homework mogħtija għandhom jkollhom għan ta' tagħlim ċar u jkunu allinjati mat-tagħlim fil-klassi u mal-objettivi tal-kurrikulu.

2.1.2 Huwa mħeġġeġ li fis-Snin Medji u Sekondarji, il-homework għandu jkun ikkoordinat bejn is-suġġetti kollha sabiex jiġu evitati l-istess dati ta' skadenza u ammont ta' xogħol eċċessiv għall-istudenti.

2.1.3 Il-homework għandu jkun ppjanat permezz ta' firxa bbilanċjata ta' kompiti li jsaħħu t-tagħlim, jinkoraġġixxu l-esplorazzjoni, jappoġġjaw l-applikazzjoni tat-tagħlim fid-dinja reali, u jintegraw it-tagħlim fis-suġġetti kollha.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

2.1.4 Għandhom ikunu stabbiliti mekkaniżmi ta' ppjanar u koordinazzjoni komuni, bħal kalendarji jew skedi relatati mal-homework, b'mod partikolari fis-Snin Medji u Sekondarji.

2.1.5 Għandha tkun imsaħħa r-relazzjoni bejn il-homework, l-istruzzjonijiet mogħtija fil-klassi, u l-prijoritajiet tal-kurrikulu sabiex ikunu żgurati l-koerenza u l-kontinwità fit-tagħlim.

2.1.6 Inizjattivi interdixxiplinari u transkurrikulari relatati mal-homework għandhom ikunu promossi fejn ikun xieraq, b'mod partikolari fl-Aħħar Snin tal-Primarja, fis-Snin Medji u Sekondarji.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

2.1.7 L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-homework għandhom ikunu inkorporati bħala element ewlieni tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-prattika professjonali tal-iskejjel.

*Miżura 2.2*

## *Insaħħu l-valutazzjoni formattiva u l-prattiki ta' rispons relatati mal-homework*

Il-funzjoni primarja tal-homework hija li jappoġġja t-tagħlim permezz ta' rispons fil-ħin, sinifikanti u formattiv, minflok li jintuża bħala bażi ta' valutazzjoni sommattiva jew għoti ta' marki.

### *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

2.2.1 Għandu jingħata rispons formattiv sinifikanti u fil-ħin dwar il-homework sabiex jappoġġja t-titjib u l-progress fit-tagħlim.

### *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

2.2.2 Għandhom ikunu żviluppati approċċi u kriterji komuni għal rispons formattiv fir-rigward tal-homework sabiex tkun żgurata l-konsistenza u ċ-ċarezza għall-istudenti.

2.2.3 L-użu tar-rispons għandu jissaħħaħ biex jgħin lill-istudenti jirriflettu, jirregolaw u jtejbu lilhom infushom.

2.2.4 L-użu formattiv tal-homework għandu jkun inkorporat bħala prattika pedagoġika standard fl-iskejjel u fis-suġġetti kollha.

## *Miżura 2.3*

### *Insaħħu prattiki tal-homework li jkunu inklużivi, differenzjati u adegwati għall-iżvilupp*

Il-homework għandu jkun imfassal u adattat biex jirrifletti l-abbiltajiet, il-bżonnijiet kif ukoll il-kuntesti diversi tal-istudenti, filwaqt li jiżgura l-aċċessibbiltà, l-ekwità u l-parteċipazzjoni sħiħa għall-istudenti.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

2.3.1 Il-kompiti tal-homework għandhom ikunu differenzjati u adattati kif meħtieġ sabiex jirriflettu l-abbiltajiet, il-bżonnijiet u l-livelli edukattivi milħuqa tal-istudenti.

2.3.2 Il-kompiti tal-homework għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jistgħu jsiru b'mod indipendenti, filwaqt li jipprovdu struzzjonijiet ċari u appoġġ xieraq.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

2.3.3 Għandhom jissaħħu l-approċċi ta' ppjanar inklużiv sabiex il-homework ma jpoġġix lil dawk l-istudenti li għandhom appoġġ fid-dar jew riżorsi limitati fi żvantaġġ.

2.3.4 Għandhom ikunu kondiviżi prattiki effettivi relatati mat-tfassil ta' homework differenzjat u inklużiv fl-iskejjel kollha.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

2.3.5 Prattiki inklużivi u ekwi tal-homework għandhom ikunu inkorporati bħala fattur ewlieni fil-politika, fl-ippjanar, u fl-evalwazzjoni tal-iskola.

2.3.6 Is-sistema edukattiva għandha ssostni approċċ konsistenti biex tiżgura li l-homework jappoġġja l-ekwità, l-aċċess, u l-parteċipazzjoni sinifikanti għall-istudenti kollha.


SCHOOL

PILASTRU 3

NINVOLVU LILL-FAMILJA

# IL-FAMILJA BĦALA SIEĦBA FIT-TAGĦLIM

Dan il-pilastru huwa mibni fuq riċerka internazzjonali dwar is-sħubijiet bejn id-dar u l-iskola, u l-involviment tal-ġenituri. Din ir-riċerka turi kif involviment tal-familja li jkun ta' appoġġ u strutturat b'mod tajjeb jista' jinfluwenza b'mod pożittiv il-motivazzjoni tal-istudenti, l-attitudnijiet lejn it-tagħlim u l-involviment edukattiv.[21] Kuntrarju għal dan, meta l-involviment ikun wieħed riġidu jew kontrollanti jista' jkollu effetti newtrali jew saħansitra negattivi.[22] Dawn l-istudji kontinwament jagħmlu distinzjoni bejn il-forom ta' involviment tal-ġenituri li jrawmu l-awtonomija, l-inkoraġġiment u r-rutini tat-tagħlim, u dawk li mingħajr intenzjoni jdgħajfu l-indipendenza jew jżidu pressjoni u stress fl-istudent.

Organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż il-UNESCO, il-WHO u l-OECD[17,5,3], jenfasizzaw li l-politiki u l-prattiki edukattivi għandhom iqisu l-kuntesti tal-familja, il-benesseri tal-istudent, u l-ekwità, b'mod partikolari fejn ir-riżorsi fid-dar, il-ħin, u l-ispazji għat-tagħlim ivarjaw b'mod sinifikanti. L-evidenza turi li esiġenzi akkademiċi eċċessivi jew li ma jkunux kkoordinati tajjeb fid-dar jistgħu jwasslu għal stress, nuqqas ta' benesseri, kif ukoll inugwaljanza akbar. Min-naħa l-oħra, komunikazzjoni ċara, aspettattivi realistiċi, u ammonti ta' xogħol bilanċjati jappoġġjaw ambjent ta' tagħlim b'saħħithom u sostenibbli.[3,5] Id f'id ma' din il-evidenza, dan il-pilastru jinkorpora fih l-involviment tal-familja mhux bħala unità li tlesti l-homework f'isem l-istudent, iżda bħala unità li toħloq kundizzjonijiet li jappoġġjaw it-tagħlim u li jsaħħu l-indipendenza, il-bilanċ, u l-abitudnijiet pożittivi lejn it-tagħlim fi sħubija mal-iskejjel.

## *Miżuri*

- *Miżura 3.1: Insaħħu l-komunikazzjoni bejn l-iskejjel u l-familji u nifhmu aħjar x'inhu mistenni mill-homework*
- *Miżura 3.2: Nippromwovu l-involviment tal-ġenituri li jrawwem l-indipendenza fl-istudenti*
- *Miżura 3.3: Nappoġġjaw il-bilanċ, il-benesseri u l-ġustizzja fl-ambjent tat-tagħlim ġewwa d-dar*

21 Epstein, J. L. (2018). School, family, and community partnerships: Preparing educators and improving schools (2nd ed.). Routledge.

22 Hill, N. E., & Tyson, D. F. (2009). Parental involvement in middle school: A meta-analytic assessment. Developmental Psychology, 45(3), 740–763.

23 Patall, E. A., Cooper, H., & Robinson, J. C. (2008). Parent involvement in homework: A research synthesis. Review of Educational Research, 78(4), 1039–1101.

*Miżura 3.1*

## *Insaħħu l-komunikazzjoni bejn l-iskejjel u l-familji u nifhmu aħjar x'inhu mistenni mill-homework*

L-iskejjel għandhom jiżguraw li l-ġenituri kif ukoll il-kustodji jkunu infurmati sew dwar l-iskop, l-aspettattivi, u l-proċeduri relatati mal-homework, u dwar ir-rwol tagħhom sabiex ikunu jistgħu jgħinu lill-istudent jikseb l-indipendenza tiegħu.

### *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

3.1.1 Il-ġenituri/kustodji għandhom jingħataw aċċess għall-politiki tal-iskola u għall-politiki nazzjonali dwar il-homework permezz ta' pjattaformi diġitali jew mezzi ta' komunikazzjoni użati mill-iskola.

### *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

3.1.2 Għandhom ikunu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri/kustodji biex jiġu spjegati l-prattiki u l-aspettattivi relatati mal-homework.

3.1.3 Il-mezzi ta' komunikazzjoni għandhom ikunu msaħħa sabiex jiġu indirizzati mistoqsijiet, preokkupazzjonijiet, jew diffikultajiet relatati mal-homework.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

3.1.4 Fehim komuni u konsistenti dwar l-għanijiet u l-aspettattivi tal-homework għandhom ikunu parti integrali mis-sħubija bejn l-iskola u l-familja.

3.1.5 Kommunikazzjoni dwar il-homework inkluża fi strateġiji usa' relatati mal-familja.

*Miżuri 3.2*

### *Nippromwovu l-involviment tal-ġenituri li jrawwem l-indipendenza fl-istudenti*

Il-familji għandhom ikunu mħeġġa sabiex jipprovdu gwida, inkoraġġiment u ambjenti ta' tagħlim xierqa, filwaqt li tkun evitata dipendenza żejda fuq l-istess familja jew it-twettiq tal-kompiti f'isem l-istudent.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

3.2.1 Il-ġenituri/kustodji għandhom ikunu mħeġġa biex jipprovdu ambjent adegwat u ħin xieraq lill-istudenti biex ilestu l-homework.

3.2.2 Il-ġenituri/kustodji għandhom ikunu mħeġġa biex jappoġġjaw lill-istudenti billi joffru gwida u inkoraġġiment, u mhux billi jlestu l-kompiti f'isimhom.

3.2.3 L-iskejjel għandhom jippromwovu attivitajiet ta' tagħlim li jsiru ġewwa d-dar, bħal qari, diskussjonijiet, u attivitajiet kulturali jew kreattivi, b'mod speċjali fis-snin bikrin tal-istudenti.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

3.2.4 L-iskejjel għandhom jappoġġjaw lill-ġenituri/kustodji biex jifhmu aħjar kif jistgħu jinkoraġġixxu l-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-abitudnijiet pożittivi ta' studju fl-istudenti.

3.2.5 Il-ġenituri/kustodji għandhom ikunu mħeġġa biex jikkomunikaw mal-iskejjel dwar sfidi relatati mal-ammont u mal-fehim tal-homework.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

3.2.6 Għandha tkun stabbilita kultura b'saħħitha ta' involviment kostruttiv min-naħa tal-ġenituri, li tgħin u twassal għall-indipendenza u l-kunfidenza fl-istudent.

3.2.7 L-involviment tal-familja fejn jidħol il-homework għandu jkun inkorporat fl-istrateġiji tal-iskola sabiex tinħoloq sħubija u appoġġ għall-istudent.

## *Miżura 3.3*

### *Nappoġġjaw il-bilanċ, il-benesseri u l-ġustizzja fl-ambjent tat-tagħlim ġewwa d-dar*

L-iskejjel u l-familji għandhom jaħdmu id f'id biex jiżguraw li l-homework jappoġġja t-tagħlim mingħajr ma jdgħajjef il-benesseri, il-ħajja mal-familja, jew l-aċċess ekwu għal opportunitajiet ta' tagħlim.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Qasir*

3.3.1 Il-ġenituri/kustodji għandhom ikunu mħeġġa biex jappoġġjaw lill-istudenti ħalli jitgħallmu jibbilanċjaw aħjar il-homework mal-ħin ta' mistrieħ, mal-ħin mgħoddi mal-familja u mal-attivitajiet kokurrikulari.

3.3.2 Il-ġenituri/kustodji għandhom ikunu mħeġġa biex jikkomunikaw mal-iskejjel dwar diffikultajiet relatati mal-homework.

## *Azzjonijiet fuq Żmien Medju*

3.3.3 Għandhom ikunu msaħħa l-mekkaniżmi ta' appoġġ għal dawk il-familji li jiffaċċjaw sfidi bħal limitazzjonijiet ta' ħin, spazju jew riżorsi waqt li jkunu jgħinu t-tfal tagħhom fil-homework.

## *Azzjonijiet fit-Tul*

3.3.4 L-iskejjel għandhom jikkunsidraw ir-rispons provdut mill-familji meta jirrevedu l-prattiki relatati mal-homework u l-bilanċ tal-ammont tax-xogħol.

3.3.5 Il-kollaborazzjoni bejn l-iskejjel u l-familji dwar il-homework għandha trawwem kultura sostnuta ta' bilanċ, benesseri u ġustizzja.

# MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-implimentazzjoni tal-Politika dwar il-Homework se tkun qed tiġi mmonitorjata u evalwata permezz ta' proċess strutturat u kontinwu. Dan il-proċess se jkun immexxi mid-Direttorat għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni tal-Politika, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment għall-Kurrikulu, it-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà li se jkunu ta' għajnuna peress li s-sistema edukattiva għaddejja minn proċess tat-trasformazzjoni fil-kurrikulu. Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE) se jkun involut ukoll fejn jidħlu proċessi ta' reviżjoni tal-iskejjel. Il-progress se jkun qed jiġi rivedut permezz ta' awtoevalwazzjoni mill-iskejjel, mekkaniżmi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità, u reviżjonijiet regolari tal-politika nnifisha, fejn se tingħata attenzjoni speċjali lill-esperjenza tal-istudent, il-bilanċ tal-ammont tax-xogħol, l-ekwità u l-impatt li jħalli l-homework fuq it-tagħlim u l-benesseri. L-evidenza li toħroġ mill-iskejjel u mir-rispons mogħti mill-istudenti, l-edukaturi, u l-familji, flimkien mad-data maħruġa mis-sistema edukattiva, se jikkontribwixxu għal titjib kontinwu kemm tal-politika kif ukoll tal-prattika. Dan l-approċċ se jiżgura li din il-politika tibqa' allinjata mal-iżvilupp tal-kurrikulu u l-prijoritajiet edukattivi nazzjonali, u li tkompli tappoġġja approċċ inkluživ, bbilanċjat u bbażat fuq il-kwalità fl-istadji kollha edukattivi fejn jidħol il-homework.

# KONKLUŻJONI: MILL-POLITIKA GĦALL-PRATTIKA

Il-Politika Nazzjonali dwar il-Homework tistabbilixxi qafas koerenti, iċċentrat fuq l-istudent u informat mill-evidenza li jqis il-homework bħala estensjoni sinifikanti tat-tagħlim minflok attività ta' rutina jew li tiġi mogħtija sempliċiment biex jissodisfa ir-rekwiżiti stabbiliti. Imsejsa fuq it-tliet pilastri, Insaħħu l-Awtonomija tal-Istudent, Insaħħu r-Rwol tal-Edukatur u Ninvolvu lill-Familji, u appoġġjata minn approċċ ibbażat fuq il-fażijiet tal-età u qafas pedagoġiku ċar għat-tfassil tal-kompiti, il-politika tipprovdi direzzjoni nazzjonali għal prattiki tal-homework b'għan, bilanċjati u inklużivi fl-istadji edukattivi kollha.

Is-suċċess tal-implimentazzjoni tagħha jiddependi minn kollaborazzjoni kontinwa bejn l-iskejjel, l-edukaturi, l-istudenti, il-familji u s-sistema edukattiva kollha. L-għan ta' din il-politika huwa li ssaħħaħ l-awtonomija tal-istudent, tappoġġja tagħlim u rispons formattiv ta' kwalità għolja, tippromwovi l-ekwità, u tipproteġi l-benesseri. Dan kollu se jiġi milħuq permezz ta' applikazzjoni konsistenti, evalwazzjoni professjonali, monitoraġġ kontinwu, u titjib kontinwu tat-trasformazzjoni tal-kurrikulu. B'dan il-mod, il-politika tqis ir-rwol tal-homework bħala għodda strateġika għal edukazzjoni ta' kwalità, inklużjoni soċjali u tagħlim tul il-ħajja, li flimkien jikkontribwixxu għal viżjoni usa' ta' Malta għal sistema edukattiva inklużiva, reżiljenti u li tkun lesta għall-futur.

# Referenzi

Black, P., & Wiliam, D. (1998). Assessment and classroom learning. *Assessment in Education,* 5(1), 7–74. https://doi.org/10.1080/0969595980050102

Black, P., & Wiliam, D. (1998). Inside the black box: *Raising standards through classroom assessment.* Granada Learning.

Black, P., & Wiliam, D. (2009). Developing the theory of formative assessment. *Educational Assessment Evaluation and Accountability*, 21(1), 5-31. https://doi.org/10.1007/s11092-008-9068-5

Black, P., & Wiliam, D. (2010). Inside the black box: Raising standards through classroom assessment. *Phi Delta Kappan*, 92(1), 81–90. https://doi.org/10.1177/003172171009200119

Centre for Educational Neuroscience. (2025). *Does homework work? The science of when and how to approach it.* https://www.educationalneuroscience.org.uk/2025/02/04/does-homework-work-the-science-of-when-and-how-to-approach-it/

Cooper, H., Robinson, J. C., & Patall, E. A. (2006). Does homework improve academic achievement? A synthesis of research, 1987–2003. *Review of Educational Research,* 76(1), 1–62. https://scholars.duke.edu/display/pub688435

Corwin Visible Learning Plus. (2026). Visible Learning MetaX: *Research methodology.* https://www.visiblelearningmetax.com/research_methodology

Federation of Catholic Family Associations in Europe. (2026). *Council of Europe Resolution "Socialising in schools for an inclusive and participatory education"* – without parents? https://www.fafce.org/council-of-europe-resolution-socialising-in-schools-for-an-inclusive-and-participatory-education-without-parents/

Council of the European Union. (2021). *Council Recommendation of 29 November 2021 on*

*blended learning approaches for high-quality and inclusive primary and secondary education (2021/C 504/03)*. Official Journal of the European Union. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32021H1214(01)

Council of the European Union. (2022). *Council Recommendation of 28 November 2022 on Pathways to School Success and replacing the Council Recommendation of 28 June 2011 on policies to reduce early school leaving (2022/C 469/01).* Official Journal of the European Union. https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/94383961-7768-11ed-9887-01aa75ed71a1

Digital Watch Observatory. (2024). *Maltese National Education Strategy 2024–2030.* https://dig.watch/resource/maltese-national-education-strategy-2024-2030

Epstein, J. L. (2018). *School, family, and community partnerships: Preparing educators and improving schools (2nd ed.).* Routledge.

Epstein, J. L., & Van Voorhis, F. L. (2001). More than minutes: Teachers' Roles in Designing homework. *Educational Psychologist, 36*(3), 181–193. https://doi.org/10.1207/S15326985EP3603_4

Eurochild. (2024). *Challenges to inclusive and accessible education in Europe.* https://eurochild.org/uploads/2024/02/Sub-report-Education-2024.pdf

European Agency for Special Needs and Inclusive Education. (2024). *Agency Position on Inclusive Education Systems: Background Information Paper (2024 update).* https://www.european-agency.org/sites/default/files/Agency_Position_Background_Information_Paper_2024_Update.pdf

European Commission. (2025). *Education and training monitor 2025: Comparative report.* Publications Office of the European Union. https://op.europa.eu/webpub/eac/education-and-training-monitor/en/

European Commission/EACEA/Eurydice. (2023). *Structural indicators for monitoring education and training systems in Europe: Early leaving from education and training* (Eurydice report). Publications Office of the European Union. https://eurydice.eacea.ec.europa.eu/sites/default/files/2023-11/4_ELET_0.pdf

European Parliament. (2025). *Achieving the European education area by 2025.* https://www.europarl.europa.eu/legislative-train/theme-promoting-our-european-way-of-life/file-european-education-area

European School Education Platform. (2022). *Toolkit for School Success. Chapter 3: Support to learners.* European Commission.

James, M.P., & Frome, H. (2025). *How student agency can boost engagement and readiness.* Gallup News. https://news.gallup.com/poll/660503/student-agency-boost-engagement-readiness.aspx

Gedye, S. (2010). Formative assessment and feedback: a review. *Planet*, 23(1), 40-45. https://doi.org/10.11120/plan.2010.00230040

Global Education Monitoring Report Team. (2024). *Global education monitoring report 2024/5: Leadership in education – Lead for learning* (UNESCO Publishing). https://doi.org/10.54676/EFLH5184

Government of Malta. (2025). *Malta Vision 2050: Public consultation document.* https://economy.gov.mt/wp-content/uploads/2025/04/Malta-Vision-2050-Public-Consultation.pdf

Government of Malta. (2026). *Malta Vision 2050: A safe and resilient nation, inspired by heritage and driven by progress, fostering a healthy quality of life for all.* https://maltavision.mt/wp-content/uploads/2026/02/MALTA-VISION-2050.pdf

Hattie, J. (2008). Visible learning: *A synthesis of over 800 meta-analyses relating to achievement.* Routledge.

Hill, N. E., & Tyson, D. F. (2009). Parental involvement in middle school: A meta-analytic assessment. *Developmental Psychology,* 45(3), 740–763.

Jiang, Q., Shi, L., Zheng, D., & Mao, W. (2023). Parental homework involvement and students' mathematics achievement: A meta-analysis. *Frontiers in Psychology, 14,* 1218534. https://doi.org/10.3389/fpsyg.2023.1218534

Liang, K., Qu, D., Zhu, A., & Chi, X. (2025). How much homework is too much? Identifying thresholds for adolescent sleep and mental health by school stage. *Journal of Affective Disorders, 389, 119636.* https://doi.org/10.1016/j.jad.2025.119636

Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. (2024). *National Education Strategy 2024–2030: Visioning the future by transforming education.* Government of Malta. https://education.gov.mt/wp-content/uploads/2024/05/NATIONAL-EDUCATION-BOOKLET-ENG-Version.pdf

Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation. (2025). *Digital Education Strategy 2024–2030.* https://education.gov.mt/wp-content/uploads/2025/03/NS_DDLTS-25_Eng-NOBLEED.pdf

Núñez, J. C., Suárez, N., Rosário, P., Vallejo, G., Valle, A., & Epstein, J. L. (2015). Relationships between perceived parental involvement in homework, student homework behaviours, and academic achievement: differences among elementary, junior high, and high school students. *Metacognition and Learning*, 10(3), 375–406. https://doi.org/10.1007/s11409-015-9135-5

Organisation for Economic Co-operation and Development. (2014). *Does Homework Perpetuate Inequities in Education?* PISA in Focus, No. 46. OECD Publishing. https://doi.org/10.1787/5jxrhqhtx2xt-en.

Organisation for Economic Co-operation and Development. (2019). *Future of Education and Skills 2030.* OECD Publishing. https://www.oecd.org/education/2030-project/

Organisation for Economic Co-operation and Development. (2023). *OECD Digital Education Outlook 2023: Towards an effective digital education ecosystem.* OECD Publishing. https://doi.org/10.1787/c74f03de-en.

Organisation for Economic Co-operation and Development. (2025). *Finite time to learn and play: Whole student development and students' digital leisure outside of school.* OECD Education Policy Perspectives, No. 130. OECD Publishing. https://doi.org/10.1787/edbaa4bb-en

Organisation for Economic Co-operation and Development. (2018). *Teaching for the Future: Effective Classroom Practices to Transform Education.* OECD Publishing. https://doi.org/10.1787/9789264293243-en.

Ozyildirim, G. (2022). Time Spent on Homework and Academic Achievement: A Meta-analysis Study Related to Results of TIMSS. *Psicología Educativa*, 28(1), 13–21. https://doi.org/10.5093/psed2021a30

Patall, E. A., Cooper, H., & Robinson, J. C. (2008). Parent involvement in homework: A research synthesis. *Review of Educational Research*, 78(4), 1039–1101.

Selwyn, N. (2021). Education and technology: *Key issues and debates* (3rd ed.). Bloomsbury Publishing.

Shute, V. J. (2008). Focus on formative feedback. *Review of educational research*, 78(1), 153–189.

Smith, C. (2025). The Impact of Homework Deadline Times on College Student Performance

and Stress: A Quasi-Experiment in Business Statistics. J*ournal of Statistics and Data Science Education, 33*(3), 334–343. https://doi.org/10.1080/26939169.2024.2441692

The Center for Public Education. (n.d.). *Key lessons: What research says about the value of homework*. Reading Rockets. https://www.readingrockets.org/topics/curriculum-and-instruction/articles/key-lessons-what-research-says-about-value-homework

United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2022). *UNESCO strategy on education for health and well-being.* UNESCO. https://doi.org/10.54675/MSST2323

United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2025). *What you need to know about education for health and well-being.* https://www.unesco.org/en/health-education/need-know

University of Malta, Faculty of Education. (2024). *Feedback relating to the draft document of the National Education Strategy 2024-2030.* Malta Review of Education Research, 18(1), 159-216. https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/124670/1/MRER18%281%29Comment.pdf

Vatterott, C. (2018). *Rethinking homework: Best practices that support diverse needs.* Ascd.

Wei, Q., & Gao, K. (2023). The influence of parental involvement in children's homework on academic achievement. *Education Journal, 12*(5), 213–216. DOI:10.11648/j.edu.20231205.13

Wisniewski, B., Zierer, K., & Hattie, J. (2020). The power of feedback revisited: A meta-analysis of educational feedback research. *Frontiers in Psychology, 10*, 3087. https://doi.org/10.3389/fpsyg.2019.03087

World Health Organization. (n.d.). *Health-promoting schools.* https://www.who.int/health-topics/health-promoting-schools

World Health Organization & United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2021). *Global standards for healthpromoting schools.* https://www.who.int/docs/default-source/health-promoting-schools/global-standards-for-health-promoting-schools-who-unesco.pdf

World Health Organization & United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2021). *Making every school a health-promoting school: Implementation guidance.* https://iris.who.int/server/api/core/bitstreams/9c1b7efb-3f80-45c5-bbb1-792a9b733907/content

World Health Organization & United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization. (2025). *Making every school a healthpromoting school: Implementation guidance for school health services.* WHO. https://cdn.who.int/media/docs/default-source/mca-documents/adolescents/shs_draft_1_for-public-consultation_18.11.2024.pdf

Xu, J., Guo, S., Feng, Y., Ma, Y., Zhang, Y., Núñez, J. C., & Fan, H. (2024). Parental homework involvement and students' achievement: A three-level meta-analysis. *Psicothema, 36*(1), 1–14. https://doi.org/10.7334/psicothema2023.92

Yang, Z., Yu, Y., & Chen, R. (2026). The effect of E-homework on K-12 students' academic achievements: a meta-analysis study. *Frontiers in Psychology, 17 (1758739).*



GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

NATIONAL EDUCATION STRATEGY
2024 - 2030

edukazzjoni